14 ta' Novembru, 1949.

**Imħallef:**

**L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.**

**Il-Pulizija** *versus* **Carmel Abela**

**Attakk u Reżistenza — Art. 95 tal-Kap. 12.**

*Biex ikun hemm ir-reat ta' attakk u reżistenza kontra persuna inkarikata minn servizz publiku, anki r-reżistenza hija biżżejjed; basta li dejjem tkun akkompanjata almenu b'vie di fatto ("active force").*

B'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta ta' l-ewwel ta' Settembru 1949, l-imsemmi Carmel Abela ġie misjub ħati ta' attakk u reżistenza bi vjolenza kontra l-Kuntistabbli Bonello, u ġie kundannat għall-piena tal-priġunerija għal żmien erba' xhur;

Il-kundannat appella;

Trattat l-appell tiegħu, din il-Qorti kkunsidrat;

Mill-provi deher illi l-imputat, li kien qed jakkompanja lil ċertu Zammit fi truck, u fil-waqt li dan Zammit kien qed jiġi mħarrek dwar kontravvenzjoni tat-traffiku, beda jtawwal ilsienu mal-kuntistabbli Bonello, billi qallu, meta l-kuntistabbli staqsa lil Zammit jekk kellux xi xhud ieħor, "ħalli nara għandix xi wieħed ġol-but", u billi ħareġ ukoll bl-espressjoni "aħna tlieta ta' weight wieħed" — liema aħħar espressjoni għandha anki forsi fiha xi indikazzjoni ta' minaċċja. Aktar tard l-imputat iffronta sidru ma' sider il-kuntistabbli; dan ħa paċenzja għal xi żmien, u mbagħad ordnalu biex jinżel l-Għassa miegħu. L-imputat ma obdiex, malgrado li l-kuntistabbli irripetielu l-ordni u wissieh;

Meta l-kuntistabbli qabdu biex jieħdu l-Għassa, l-imputat irreżista billi beda jitħabat u jagħti b'minkbu lill-kuntistabbli fuq sidru;

Fl-egħmil ta' l-imputat jintegra ruħu r-reat ta' reżistenza b'vie di fatto ("active force") kontra persuna inkarikata

minn servizz publiku fil-waqt li tkun qiegħda teżegwixxi s-servizz tagħha;

L-art. 95 Kap. 12, li taħtu ġie kundannat l-imputat, jikkontempla diżġuntivament l-attakk u r-reżistenza. Biex tkun hemm ir-reat, anki r-reżistenza biss hi biżżejjed, basta dejjem li tkun akkompanjata almenu b'vie di fatto ("active force");

Issa, kif hemm korrettament spjegat fl-"Annotazioni alle Leggi Criminali" ta' l-Avukat Falzon (komment għal dak li allura kien l-artikolu korrispondenti, nru. 89) :— "L'attacco è il fatto di prendere l'offensiva, e la resistenza è il fatto di prendere la difensiva. Sì nell'uno che nell'altro caso è necessario che abbiano avuto luogo violenza o vie di fatto". F'dan il-każ ma kienx hemm attakk, imma kien hemm reżistenza. Il-kliem ta' l-imputat fuq riportati ċertament ma kienux biżżejjed biex ifissru reżistenza; lanqas is-sempliċi inazzjoni ma hi reżistenza, imma tista' biss tkun diżubbidjenza għall-ordnijiet leġittimi tal-Pulizija, kif josserva l-Carrara, li preċiżament jipprospetta l-każ bil-kliem "l'esecutore dice al privato 'devi venire in carcere', ed il privato risponde 'non voglio venire' ". Imma meta l-kuntistabbli, kif kien dritt, anzi dover tiegħu, wara li l-imputat irrifjuta persistentement li jmur l-Għassa, beda jeżerċita grad, mhux riprovevoli, ta' koazzjoni fiżika, allura l-imputat, partikolarment meta, barra li jitħabat, beda jagħti lill-kuntistabbli b'minkbu fuq sidru, għamel reżistenza skond il-liġi, li hija kristallizzata fil-massima antika msemmija mill-Carmignani fl-"Elementi", pag. 865, "Resistere est cum lictoribus pugnare"; u "pugnare" għandha tiġi interpretata preċiżament fis-sens li, għall-forza fiżika ta' l-awtorità publika l-privat jikkontrapponi forza fiżika kuntrarja;

Għalhekk l-appell hu miċħud, u s-sentenza appellata konfermata.